# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

21 ta' Mejju, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iddeċieda li ssir din il-laqgħa permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) fis-1.38 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 13

13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 12 - 9;
13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
13.5 Komunikazzjoni;
13.6 Rapport Finanzjarju Annwali 2019 (*audited*);
13.7 Pjan ta' Ħidma 2020 - 2025;
13.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
13.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 5/2020;
13.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella qal li fid-dawl ta dawn iċ-ċirkostanzi li għaddejjin minnhom madwar id-dinja b'din il-pandemija tal-COVID-19 din il-laqgħa qed terġa issir permezz ta' sistema *online* ta' Microsoft Teams® skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, hu kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 13 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 12 - 9

13.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 12 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-proġett ta' Triq Sannat, il-Kuntrattur għadu għaddej bix-xogħolijiet fuq din it-triq. Dan l-aħħar sar it-tqaxxir tat-triq u ngħata ċ-ċagħaq saru il-crossings tad-dawl u għas-servizzi minn naħa għall-oħra tat-triq inkluż dawk taż-zebra crossings fejn il-Perit kien għadu ma tax il-pjanta ta' fejn se jsiru eżatt dawn u dak tal-parkeġġ li se jiġi kollu fuq il-hard shoulder. Saru l-mainholes tad-drenaġġ u l-water catchments u l-isqfa tagħhom. Ġew installati l-kurduni tal-bankini tan-naħa tar-residenti fejn se jiġu nstallati t-tappieri tas-servizzi fuq dawn il-bankini. Għandhom isiru l-concrete gutters fuq iż-żewġ naħat tat-triq, fejn fuq in-naħa tar-residenti sar diġa. Fuq in-naħa tal-Kunsill ser issir hard shoulder wiesa tal-concrete peress li fuq din in-naħa ser isiru il-parking bays. Fuq il-parti ta' fuq tat-triq fejn hemm residenza "Qlub Imqadsa" din id-dar inxtrat u s-sid il-ġdid talab biex isir connection tad-drenaġġ extra dan biex jinħaseb minn qabel u ma ssirx ħsara lit-triq meta suppost dan jiġi maħsub mis-sid. Il-Kunsill ħaseb ukoll għas-servizz tad-drenaġġ oħra simili fejn għad ma hemmx bini biex jekk dawn jiġu żviluppati ma jintmessx il-wiċċ tat-triq. Dan is-servizz tad-drenaġġ għandu jitħallas lill-Kunsill il-quddiem meta jiġi biex jiżviluppa l-iżviluppatur dejjem skond ir-rata ta' dak iż-żmien. Din sta għal Kunsill li jrid joqgħod attent biex dan jitħallas. Is-Sindku qal li dan l-aħħar f'din it-triq saret ukoll xi ħsara fil-high tension tad-dawl xi ħaġa mhux għax kellu x'jaqsam fiha l-Kuntrattur iżda ġrat inċidentalment. Tal-EneMalta ġew fuq il-post u rranġaw din il-ħsara. Din it-triq hija aċċesibli għat-transport pubbliku biex b'hekk ma jkunx hemm inkonvenjent għal dawk li jridu jgħamlu wżu minn dan is-servizz. Il-bankina tar-residenti għadu ma sarx il-concrete peress li għad fadal xi jrid isir. B'hekk ikun għad fadal li jsiru t-tappieri tas-servizzi u tkun tista tingħata l-ewwel kisja. Il-Viċi Sindku qalet li dwar dawn it-tappieri għandhom jiġu ssiġil'lati sew biex ma jkunx hemm irwejjaħ jew iħabtu u jkollna nkonvenjent għar-residenti. Is-Sindku qal li għandu jiġi l-Perit biex jara kif se tiġi aċċessibli l-bankina ta quddiem il-latrina, l-klinika tas-saħħa tal-Gvern, l-għassa tal-Pulizja u l-Kunsill, hu kien għamel design u b'hekk se jiġi fil-post biex jispjega dan peress li dawn spiċċaw fl-għoli peress li t-triq tbaxxiet u mhux se jkunu aċċessibli jekk ma jsirx dan. Rigward il-bieb prinċipali tal-Kunsill dan irid jiġi rranġat jew titbaxxa l-għatba tat-triq u jsir vellestrun biex ikun aċċessibli. Dan kien hekk qabel perss li minn din it-triq kien jgħaddi ħafna ilma tax-xita u mhux l-ewwel darba li kien jispiċċa jidħol ġewwa, issa wieħed jara l-

quddiem. Il-Kunsill qed jistinka biex din it-triq tingħata l-ewwel kisja tarmak biex b'hekk terġa tkun aċċessibli b'wiċċ ġdid kif kien mistenni.

13.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali li l-Kuntrattur li kisser il-bozza fi Triq Ta' Ċenċ bin-numru 058/56, għadda l-pagament kif kien mitlub.

13.3.3 Is-Sindku qal li hu attenda għall-laqgħa tar-Reġjun Għawdex ta' nhar il-Ġimgħa 15 ta' Mejju 2020 li din saret b'mod remot permezz tal-microsoft teams®. Hu qal li ġie diskuss li jinħarġu offerti reġjonali separati kemm għall-*Contracts Manager* kif ukoll għall-*Preventive & Routine Maintenance Contractor* li jkunu t-tnejn responsabbli mid-*Decorative Lights* u dwal tat-toroq mixtri mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jkun parti minn dan ma dawk il-Kunsilli Lokali nteressati b'mod kollettiv. Hu qal li ġibed l-attenzjoni dwar it-trinek li qed isiru fit-toroq mill-Water Services Corporation u mill-Waste Water/Drainage li dawn it-trinek mhux qed isiru kif suppost u li qed isiru ħsarat irreperabbli fit-triq, hu qal li r-Reġjun Għawdex qal li għandu jikteb dwar dan. Hu spjega u ta eżempju fuq Triq il-Kbira kollha mimlija trinek. Il-Kunsill qabel li jekk dan jibqa jsir il-Kunsill għandu jaġixxi bl-Avukat.

13.3.4 Is-Sindku qal li kienu diversi residenti li ġibdulu l-attenzjoni u anke kif wieħed jista jara l-fanali ta' Pjazza Santa Margerita jinsabu fi stat perikoluż b'ħafna sadid u se jkun il-kaġun li partijiet minnhom kif diġa sar jaqgħu u jistgħu jgħamlu xi ħsarat jew iweġġgħu lil xi ħadd. Il-Kunsill diġa ntalab biex fanal minnhom jitneħħa, dak ta' fejn il-kazini tal-futbol u tal-banda minn persuna li qed jibni peress li kien faċli li jintlaqat bil-makkinarju u jaqa, ma dan tneħħew dawk it-tnejn l-oħra li kienu fi Triq Sannat. Għalhekk hu qed jissuġġerixxi li dawn jinqalgħu kollha u minflok jeħlu flood lights temporanji sa meta jsir l-upgrading tal-pjazza li dwarha għadhom għaddejjin taħditiet mall-Ministru għal Għawdex. Il-Kunsill qabel unnanimament li dawn jitneħħew.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

13.4.1 Il-Kunsillier Tewma staqsa x'sar mill-wiċċ il-qadim ta' Triq Sannat meta dan kien ġie diskuss mill-Kunsillier Bajada biex jinxteħet parti minnu fi Triq Paranji peress li din it-triq li qed tinbena hi fi stat ħażin. Is-Sindku qal li dan il-materjal ma kienx tajjeb biex jinxtehed hemm hekk.

## 13.5 Komunikazzjoni

13.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Supervisor mill-Beaches Department fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex talab lill-Kunsill biex bħas-snin l-imgħoddija jsir ix-xogħol ta' żebgħa tar-railing, l-għamara (imwejjed u bankijiet) u tibjid tal-ħitan fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel li jinxtara l-materjal meħtieġ biex dan ix-xogħol isir.

13.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li irċieva l-ammont ta' €16241.64ċ parti mill-ftehim mad-Development Planning Funds (Planning Authority) biex isir Upgrading of open space within Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jibda wara li tinfetaħ it-Triq Sannat.

13.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li d-Data Protection Officer ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ilu mis-sena 2000 jirċievi u jipproċessa numru ta' pagamenti għan-nom tal-Awtorita tal-Artijiet, b'hekk il-Kunsill qed jipproċessa dawn l-istess pagamenti w informazzjoni għan-nom ta' entita oħra li din tikkwalifika bħal informazzjoni personali. Wara diversi komunikat mid-DPO tal-Kunsill u d-DPO tal-Awtorita tal-Artijiet dwar dan qed jkun mhejji *Data Processing Services Agreement* bejn l-Awtorita' tal-Artijiet u l-Kunsill Lokali biex b'hekk niggarantixxu

konformita sħiħa mar-regoli u l-obbligi li anke għandu il-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan u qed japprova dan il-ftehim.

13.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li b'referenza għall-Minuti Nru. 9, f'Jannar 2020, fejn il-Kunsill kien ġie nfurmat u ġie ssuġġeriet li jsiru upgrades fuq il-pc's fl-uffiċċju tal-impjeġati biex is-servizz mill-uffiċċju tal-Kunsill ikun aktar effiċċjenti, nġabru tlett kwotazzjonijiet biex dan ix-xogħol ta' upgrading fuq il-pc's ikun jista jsir. Il-Kunsill qabel ma dan bl-aktar offerta vantaġjuża.

13.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulari mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li din ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Din kienet:

Ċirkulari Numru 5/2020 - Corona Virus (COVID-19) Miżuri ta' Prekawzjoni

13.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

27 ta' April 2020 Cir AKL 2020/039 – Binjiet mixgħula ħomor – Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm – 14 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel li din tinxtegħel il-Kalkara tal-Ġir.
27 ta' April 2020 Cir AKL 2020/040 – Stqarrija – Radam ta' skart ta' Kostruzzjoni 27/04/2020
27 ta' April 2020 Cir AKL 2020/041 – Courses 2020/2021 – Fakulta' għat-Tisħiħ tas-Soċjeta'
27 ta' April 2020 Cir AKL 2020/042 – COVID – 19 Awareness Campaign – Commission for Gender Based Violence and Domestic Violence
28 ta' April 2020 Cir AKL 2020/043 – Covid 19 u l-Attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-LESA. Il-Kunsill kien applika u l-Kunsill irċieva l-grant għal attivita li saret f'Diċembru 2019 Jum Dinji tat-Tfal.
28 ta' April 2020 Cir AKL 2020/044 – Applikazzjoni għall-Internet Banking - BOV
03 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/045 – Covid 19 – Rilaxx ta' Miżuri
05 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/046 – Cir AKL 2020/046 – Webinar: Adapting to climate change – 12th May 2020
07 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/047 – Cir AKL 2020/047 – Ġbir ta'kopja tar-Reġistru Elettorali
07 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/048 – Best Practices in Participatory Process – Join the next ALDATalk!
11 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/049 – Kilometri ta' spazji pubblici b' rotot għall-mixi, ċikliżmu u spazji mitfuħa għar-residenti żgħar u kbar fil-lokalitajiet tagħna.
14 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/050 - Important notice regarding submission of Health Claims
14 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/051 - Save the date for #EUSEW2020! - EU Sustainable Energy Week
15 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/052 - Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv 31 (emendati) Laqgħa tal-Eżekuttiv 32
15 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/053 - Yellow 'Please keep your social distance' stickers
18 ta' Mejju 2020 Cir AKL 2020/054 - Free online course for ALDA's members - Register now!
20 ta'Mejju 2020 Cir AKL 2020/054 - Promotion of Aġenzija Żgħażagħ Services
20 ta'Mejju 2020 Cir AKL 2020/055 - Ittra mibgħuta lill-Ministeri u Entitajiet ikkonċernati rigward il-problema fuq il-ġbir ta' skart riċiklabbli. Dwar din lill-Kunsill ma affetwatx lill-Kunsill Lokali Ta' Sannat għaliex il-Kunsill dan is-servizz qed jingħata mill-GreenPak.
20 ta'Mejju 2020 Cir AKL 2020/056 - EUCF Webinar 30/05/2020 @ 9am

## 13.6 Rapport Finanzjarju Annwali 2019 (*audited*);

13.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien bgħat ir-Rapport Finanzjarju Annwali 2019 *audited* permezz tal-imejl lill-Kunsillieri. Hu spejga dan ir-rapport. Il-Kunsill qabel ma dawn l-istatements u ġew approvati u se jiġu ffirmati minnu u mis-Sindku biex jintbgħatu lill-Awditur fil-ħin.

## 13.7 Pjan ta' Ħidma 2020 - 2025

13.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2020 sa 2025 kif ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv bl-għajnuna tal-Accountant. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista jibdel dan il-pjan f'ċirkustanzji li jkun jaqbel lill-Kunsill u għalhekk qabel ma dan il-Pjan.

## 13.8 Ilmenti u Suġġerimenti

13.8.1 Il-Ħaddiema assenjati mall-Kunsill innotaw mera miksura fi Triq Bardan. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din inxtrat biex b'hekk nevitaw kull periklu.

13.8.2 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward ħaxix ħażin fi Triq tal-Gruwa. Is-Segrtarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan il-ħaxix qed jinqata' mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

13.8.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward knis ta' Triq it-Tilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ix-xogħol sar mill-Kuntrattur.

13.8.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigwrad il-Ġnien tal-Bidwi li għandu bżonn l-attenzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li fil-Ġnien tal-Bidwi hemm drip irrigation ġdid wara li dan ġie nstallat nstab li l-mutur li jtella' l-ilma tal-ġibja ma ħadimx u ovvjament ma kienx qed itellgħa ilma u din il-ġibja nsabet kważi vojta. Għalhekk il-Kunsill għandu jara jekk din il-ġibja hix mtaqqba u ssir il-mantenzjoni meħtieġa. Apparti dan il-ġnien għandu bżonn il-ħart. Il-Kunsill qabel li għandhu jsir dak li hemm bżonn biex dan il-ġnien jinżamm kif xieraq.

13.8.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq Saguna fejn talab li jmur xi ħadd jiġbor skart li ilu hemm aktar min ġimgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan l-iskart inġabar immedjatament malli l-Kunsill irċieva dan l-ilment. Is-Sindku qal li residenta minn hemm bgħatet messaġġ permezz ta' Facebook fejn qalet li hemm l-iskart fi triq, hu qal li hu mar ra u li dan jinsab f'għalqa tal-privat.

13.8.6 B'referenza għall-ilment numru 04/2020, residenta li toqgħod fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942 qed tissuġerixxi li din triq tiġi b'direzzjoni waħda dan peress li f'din it-triq qed jinbena ħafna bini ġdid u t-traffiku qed jinġema fl-bidu ta' din it-triq. Il-Kunsill ma jaqbilx ma dan li qed jintalab peress li din hija triq qadima u sekondarja u mhix qeda fil-village core, apparti dan il-Kunsillier Bajada staqsa l-proprjetarji tal-irżieżet imbgħad minn fejn ser jgħaddu bl-inġenji kbar tagħhom. Il-Kunsill għalhekk qabel li ma hemmx soluzzjoni li jsir dan.

13.8.7 Il-Kunsill irċieva imejl b'ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Kbira fejn issuġġerixxa li jsiru *speed humps* f'din it-triq peress li f'din triq qed jgħaddu karozzi b'velocita eċċessiva. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'din it-triq Transport Malta ma tgħatikx il-permess biex isir dan

peress li minn din it-triq tgħaddi x-xarabank. Apparti dan hemm t-tabelli tal-ispeed limit 35 tul it-triq kollha nkluż fl-art. Is-Sindku qal li jekk hemm il-bżonn ninfurmaw lill-Pulizija.

13.8.8 Is-Sindku qal li xi ndividwi ġibdulu l-attenzjoni li fi Triq tal-Gruwa kantuniera ma' Triq Mġarr ix-Xini hemm bżonn li jsiru no parking sign peress li qed isir parkeġġ perikoluż. Il-Kunsill qabel li jsiru double yellow lines u qabel ukoll biex meta jkun il-waqt isir traffic managment peress li din il-junction saret perikoluża.

13.8.9 Il-Kunsill qabel li hemm il-ħtieġa li jsir refreshing tas-sinjali tat-traffiku ta' mall-art madwar il-lokalita'. Għalhekk għandha tinxtara ż-żebgħa neċessarja biex isir dan ix-xogħol u nitlobu l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ. Il-Kunsill qabel ma dan.

13.8.10 Il-Kunsill Lokali nġibditlu l-attenzjoni li fi spazju miftuħ fi Triq Skerla hemm fanal miksur. Dan il-fanal ġie ordnat biex jinbidel u nevitaw il-periklu.

13.8.11 Is-Sindku qal li fi Triq tal-Gruwa fejn hemm bitħa hemm il-ħtieġa li ssir mera ġdida. Il-Kunsill qabel ma dan.

13.8.12 Is-Sindku qal li fi Triq ix-Xewkija hemm il-ħtieġa li ssir mera ġdida faċċata ta' rampa minn ġo l-egħlieqi peress li minn din it-triq qed jgħaddu diversi vetturi peress li bħalissa Pjazza San Frangisk ir-Rabat tinsab magħluqa u tal-linja qed tgħaddi minn din it-triq. Il-Kunsill qabel ma dan.

13.8.13 Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni li peress li fiċ-ċirkostanzzi ta' Covid-19 il-Gvern x'aktarx ser iħabbar li se jinfetħu xi ħwienet tal-ikel u tax-xorb biex Pjazzetta tax-Xelina tinħasel u tiġi diżinfettata biex ikun hemm l-indafa bil-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex.

13.8.14 Il-Viċi Sindku qalet li resident minn Triq it-Tin u li joqgħod fil-kantuniera ma' Triq il-Pinnur qed jilmenta biex isiru double yellow lines peress li qed isir parkeġġ quddiem il-bieb tiegħu li lanqas ikun jista jidħol f'daru b'xirja. Is-Sindku qal li jekk irid jsiru double yellow lines fil-kantuniera iżda kullħadd għandu jkun jaf li ma jistax jipparkja f'kantuniera. Hu semma ukoll li hemm il-ħtieġa li jsiru double yellow lines fil-kantunieri ta' Triq 28 ta' April 1688 għal ma Triq il-Blat, Triq Vincenzo Caruana Spiteri, Triq Falkun u Triq Dun Lazzru Camilleri. Il-Kunsillier Bajada qal li jekk qed isir dan minn min qed jiġi jaqa u jqum mill-liġi u xorta se jipparkja għalhekk se tkun spiża żejda ta' żebgħa mill-inqas kull sena.

13.8.15 Il-Kunsillier Tewma reġa talab biex issir spezzjoni fi Triq Gerxija biex jiġi verifikat ma Transport Malta biex naraw jekk is-sinjali tat-traffiku fl-art humiex skond kif mitluba mill-Kunsill u approvati minn Transport Malta.

13.8.16 Il-Kunsillier Bajada qed jilmenta li l-użu tal-open skip ta kull nhar ta' Sibt fi Triq Marziena qed jintuża ukoll minn ndividwi li mhux residenti minn Ta' Sannat. Dwar dan għandu jinġibed l-attenzjoni u jintalab lill-Kuntrattur il-lista tar-residenti ta min qed jarmi.

13.8.17 Il-Kunsillier Tewma talab lis-Sindku f'hiex wasal il-kwestjonarju dwar it-traffic managment. Is-Sindku wieġeb li għadu qed jiġi ppreparat.

## 13.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 5/2020

13.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 5/2020 li kienet intbgħatet permezz ta imejl biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-

Kunsillier Clayton Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 13.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

13.10.1 Il-laqgħa ntemmet fl-3.40 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2020, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 24 ta' Ġunju, 2020

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(Iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |